Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 31/2016

**Aquabiotech Limited (C 22950)**
**vs**

**White Brothers Limited (C 12609) u White Freight Services Limited (C 21099)**

11 ta' Dicembru 2017

**Il-Qorti,**

Rat **l-Avviz tal-Arbitragg tas-socjeta' Aquabiotech Limited tas-27 ta' Awissu 2013** quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg permezz ta' liema ppremettiet fost ohrajn illi: (i) hija kienet ingaggat lis-socjetajiet konvenuti sabiex jittrasportaw merkanzija, specifikament *Fish Farming Tanks, Pipework u Filtration module* minn Malta sal-Germanja; (ii) il-konvenuti kienu responsabbli sabiex din il-merkanzija titwassal ghand il-klijenta tar-rikorrenti, cioe' il-*consignee*, senjatament is-socjeta' Germaniza Klein Eden (Tropenhaus AM Rennsteig GMBH) fl-indirizz taghha gewwa Tettau, il-Germanja; (iii) il-konvenuti ngaggaw lis-socjeta' Hapag-Lloyd bhala *sub-contractor* sabiex iwettqu l-inkarigu taghhom tramite s-servizzi ta' l-istess *sub-contractor*; (iv) is-socjeta' rikorrenti hallset €3,211.73 ghal dan is-servizz; (v) id-dokument imsejjah T2L – mehtieg sabiex il-merkanzija tigi rilaxxata mill-Port gewwa Hamburg biex din imbaghad tigi konsenjata lill-*consignee* - kien fil-pussess tas-*sub-contractor* mis-27 ta' Novembru 2012 u cioe' qabel ma' l-merkanzija fil-fatt waslet il-Germanja; (vi) nonostante dan, is-*sub-contractor* naqas milli jirrilaxxa l-merkanzija meta din waslet il-Germanja, u dan unikament minhabba negligenza tieghu; (vii) konsegwentement, is-socjeta' rikorrenti sofriet danni fl-ammont ta' €4,355.40 rapprezentanti hlas zejjed ghal servizz ta' *demurrage* u ghat-trasport involut minhabba l-*X Ray scan* ordnat mid-Dipartiment tad-Dwana Germaniz; (viii) is-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-negligenza tas-*sub-contractor* ingaggat minnhom; (ix) ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni, dawn baqghu inadempjenti.

Rat ir-**Risposta tal-intimati tat-18 t'Ottubru 2013**[1] permezz ta' liema rrispondew li (i) is-socjeta' White Freight Services Ltd kienet intalbet igorr merkanzija ghas-socjeta' rikorrenti lejn

[1] Fol 5(b) et seq.

is-socjeta' Klein Eden (Tropenhaus AM Rennsteig GmbH) f'Tettau il-Germanja; (ii) White Freight Services Ltd ingaggat lil Hapag Lloyd ta' Hamburg sabiex tkun *sub-contractor* bl-inkarigu tal-garr ta' merkanzija; (iii) fis-27 ta' Novembru 2012, il-klijent tas-socjeta' rikorrenti, Klein Eden kienet infurmata bin-*Notice of Arrival of Goods* u ntalbu jaghtu d-*delivery details* ghal fini ta' konsenja; (iv) ghalkemm il-vapur bil-merkanzija dahal fil-port ta' Hamburg fit-2 ta' Dicembru 2012 (u kellu *free time* fil-port sa tlett ijiem wara), kien biss fis-7 ta' Dicembru 2012 li Klein Eden infurmaw lil Hapag Lloyd bil-*possible date of delivery* li kellha tkun l-14 ta' Dicembru 2012; (v) isegwi li l-htija ghal kwalsiasi *demurrage* hija ta' Klein Eden, li maghha l-intimati ma kellhomx relazzjoni guridika; (vi) il-fatt li fil-frattemp saret spezzjoni tal-merkanzija mid-Dwana Germaniza ma jahtux ghaliha l-intimati; (vii) White Brothers Ltd ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' rikorrenti; (viii) ebda wahda mis-socjetajiet intimati m'ghandhom jirrispondu ghad-danni subiti mis-socjeta' rikorrenti stante li dawn gew subiti unikament tort tas-socjeta' Klein Eden; u (ix) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, jista' jkun il-kaz illi r-responsabbilta' ghal tali danni kienet dik tas-socjeta' Hapag Lloyd bhala *sub-contractor* ta' White Freight Services Ltd, liema socjeta' tirriserva li tikkjama in kawza lill-istess sub-contractor jekk ikun il-kaz.

Rat **il-lodo tat-Tribunal tal-Arbitragg tat-13 t'Ottubru 2016** li fih gie deciz hekk –

*"Ghal dawn il-motivi l-arbitru jiddisponi minn dan l-arbitragg billi filwaqt li jsib lis-socjeta' intimata White Freight Limited responsabbli ghal dan in-nuqqas taghha, u in vista li ma hemmx konstestazzjoni dwar l-ammont tad-danni reklamati mis-socjeta' rikorrenti, jillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti, bl-imghax legali mit-3 ta' Mejju 2013, data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali, sad-data tal-effettiv pagament.*

*Is-socjeta' White Brothers Limited qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghar-ragunijiet fuq moghtija, izda kwantu ghall-aspett ta' l-ispejjez in konnessjoni mal-proceduri legali nkorsi, in vista tal-fatt li kien hemm, korrettement, difiza wahda miz-zewg socjetajiet, ma ghandu jinghata ebda provvediment dwar l-aspett tal-ispejjes minnha nkorsi u dan in vista tal-fatt illi hija ma nkorriet ebda centezmu spejjez addizzjonali jew zejda ghal dawk inkorsi mis-socjeta' intimata l-ohra.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri….ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' intimata, White Freight Services Limited."*

Is-socjeta' White Freight Services Limited appellat mill-lodo arbitrali a bazi tal-artikolu 70A (3) (c) u 70B tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta). Is-socjeta' Aquabiotech Ltd. wiegbet[2].

Fir-risposta taghha, s-socjeta' appellata b'mod preliminari ssostni li l-appell ta' White Freight Services Ltd hu nulla ghaliex prezentat wara t-terminu kontemplat mil-ligi.

[2] Fol 23 et seq.

Din is-sentenza tikkoncerna din l-eccezzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

Quddiem din il-qorti xehedet Marthese Arena, ghas-socjeta' appellanti[3] li tahdem bhala assistent tal-*General Manager* tal-kumpannija White Brothers Limited u taghmel ukoll xoghol relatat ma' *freight forwarding* ghas-socjeta appellanti, qalet -

i. Il-lodo arbitrali tat-13 ta' Ottubru 2016 gie notifikat lil White Brothers Ltd u lil White Freight Services Ltd fl-istess indirizz u cioe' White Brothers Building, St. Bernard Street, Marsa[4]. Iz-zewg kumpaniji ghandhom dan l-istess ufficcju registrat;

ii. Il-Managing Director taz-zewg kumpaniji hu Mario Ciantar. Korrispondenza ta' natura legali tinghata lilu;

ii. Certu Neil Ciantar accetta n-notifika ghan-nom taz-zewg socjetajiet. Ghalkemm huwa kien impjegat tas-socjeta' White Brothers Ltd, kien jaqdi lis-socjeta' appellanti ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' transport lokali fejn jidhol *freight forwarding*. Xoghlu kien fl-*Operations Office;*

iii. Il-procedura li kienet ilha tithaddem fiz-zewg socjetajiet ghal snin shah kienet li l-posta kollha li jircievu z-zewg kumpaniji titwassal fl-ewwel entratura li hemm fil-bini, titpogga fi *tray* u wara titla' fuq u titqassam mill-ufficcju fejn tahdem Marthese Arena. Ma ftakritx jekk kinitx hi stess li qassmet l-Avvizi tad-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg;

iv. Malli tinfetah il-korrispondenza tigi ttimbrata d-data u titqassam skont id-dipartiment;

v. L-ufficcju ta' Mario Ciantar qieghed vicin l-ufficcju taghha;

vi. Il-posta tintbaghat fl-ufficcju taghha dakinhar stess illi tasal, sakemm ma jkunx is-Sibt, f'liema eventwalita` tintbaghat fl-ufficcju taghha it-Tnejn. Jekk l-ufficcju ta' isfel ikun maghluq, hemm il-*letter box;*

Mill-provi mressqa ma hemm ebda dubju li l-Avviz tad-decizjoni arbitrali gie notifikat fl-indirizz registrat tas-socjeta' appellanti. Peress li dan l-Avviz wasal is-Sibt 29 t'Ottubru 2016, dan jispjega ghalfejn it-timbru fuq id-dokumenti prezentati mis-socjeta' appellanti huwa tat-Tnejn 31 t'Ottubru 2016[5], kif indikat bhala procedura mix-xhud Arena. Dan juri li d-dokument wasal fl-ufficcju tal-General Manager tal-kumpannija appellanti.

Jirrizulta li ghalkemm dawn huma zewg kumpanniji, kemm White Brothers Ltd kif ukoll White Freight Services Ltd jutilizzaw diversi rizorsi u sistemi komuni, fosthom dik li hi posta. Procedura li kienet ilha snin tintuza. Dan hu arrangament intern li sar miz-zewg kumpanniji. L-appellanti ma tistax tipprova tiehu beneficcju minn procedura li hi stess introduciet flimkien

[3] Seduta tat-3 ta' Lulju 2017 a fol 33.

[4] Fol 37.

[5] Fol 39.

mal-kumpannija l-ohra. Il-posta titwassal lill-istess persuna – Mario Ciantar, Direttur Manigerjali taz-zewg kumpaniji. F'dan il-kaz hu evidenti li l-avviz bid-decizjoni wasal fl-ufficcju tal-istess persuna t-Tnejn 31 ta' Ottubru 206, u sahansitra gie pprezentat rikors tal-appell.

Ferm il-premess, is-socjeta' appellanti rceviet l-Avviz tal-lodo **fid-29 t'Ottubru 2016**[6], data kkonfermata mid-difensur tas-socjeta' appellanti waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2017[7]. Ir-rikors tal-appell gie ntavolat **l-Erbgha 16 ta' Novembru 2016** ergo wara l-iskadenza tat-terminu ta' hmistax il-jum previst mill-artikolu 70B(2) tal-Kap 387.

Inghad hekk fil-kaz **Earthcare Company Ltd vs Kunsill Lokali Valletta deciz fis-7 ta' Novembru 2008**[8]-

*"Hu dispost mill-Artikolu 70B (2) ta' l-Att illi minghajr hsara ghal dak specifikatament provdut fl-Artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda, appell lil din il-Qorti minn decizjoni finali tat-Tribunal ta' l-Arbitragg ghandu jsir zmien hmistax-il gurnata minn meta tigi ricevuta dik id-decizjoni jew jekk kien hemm xi process ta' arbitragg ta' appell jew revizjoni, mid-data meta l-parti kienet notifikata bir-rizultat ta' dak il-process, jew meta l-process kien mod iehor kompletat, jew minn meta jkun skada z-zmien ghalih………*

*Issa m'ghandux ghalfejn jigi ripetut illi perjodu statutorju prefiss minn xi ligi ghall-proposizzjoni ta' appell hu wiehed fatali li kellu jigi dejjem osservat ad unguem. Din l-esigenza procedurali lanqas setghet tigi salvata jew sanata b'xi re-integranda ghax, kif jinsab ritenut, "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri". "**Giuseppe Caruana -vs- Charles sive Charlie Psaila**", Appell, 21 ta' Marzu, 1997;"*

F'dan il-kaz in-notifika saret fid-29 ta' Ottubru, 2017 u r-rikors tal-appell kien prezentat fis-16 ta' Novembu 2017, l-appell huwa null peress li kien ipprezentat tardivament.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti u tiddikjara l-appell null. L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul

---

[6] Fol 37.

[7] Fol 33.

[8] App Nru 5/08.